**A.L. 295 tal-2011**

**ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME***
**(KAP. 123)**

**Regolamenti tal-2011 dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 52B, 76(4), u 96(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 58 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2011 dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"arranġament" jinkludi:

(a) kull ftehim, konvenzjoni, protokoll jew Direttiva tal-Unjoni Ewropea li permezz tagħhom Malta tista' tikkoopera ma' ġurisdizzjonijiet oħra fuq kwistjonijiet ta' taxxa, permezz ta' skambju ta' informazzjoni; u

(b) kull ftehim amministrattiv jew memorandum ta' ftehim milħuq bejn l-awtorità kompetenti ta' Malta u l-awtorità kompetenti ta' ġurisdizzjoni oħra ma' min hemm arranġament fis-seħħ kif imsemmi fil-paragrafu (i) ta' din it-tifsira, sakemm dak il-ftehim amministrattiv jew memorandum ta' ftehim ma jkunx kontra l-imsemmi arranġament;

"awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità li tinħatar bħala tali minn ġurisdizzjoni fir-rigward ta' arranġement;

"l-awtorità rikjedenti" tfisser l-awtorità kompetenti ta' ġurisdizzjoni li għandha arranġement fis-seħħ ma' Malta;

"entitajiet" tinkludi kwalunkwe korp ta' persuni li -

(a) huwa residenti f'Malta;

(b) huwa mwaqqaf taħt il-liġi ta' Malta;

(ċ) għandu stabbiliment permanenti f'Malta;

(d) huwa kumpannija ta' proprjetà jew soċjetà ta' proprejtà; jew

(e) jeħtieġ reġistrazzjoni, liċenza jew xort'oħra ta' awtorizzazzjoni sabiex imexxi n-negozju f'Malta;

"*express trust*" tfisser *trust* maħluq volontarjament u b'intenzjoni, jew verbalment jew b'dokument miktub -

(a) *inter vivos* mis-*settlor* li jesegwixxi att jew dokument ta' *trust* magħmul bejn is-*settlor* u t-*trustees* li permezz tiegħu is-*settlor* jittrasferixxi l-attiv lit-*trustees* biex iżommu skont it-termini kif stipulati fit-*trust*;

(b) *inter vivos* mis-*settlor* li jittrasferixxi l-attiv lit-*trustees* u t-*trustees* jesegwixxu d-dikjarazzjoni ta' *trust* (li għaliha s-*settlor* m'huwiex parti) li biha t-*trustees* jirrikonoxxu li jżommu l-attiv tat-*trust* skond it-termini kif stipulati fid-dokument; jew

(ċ) permezz ta' testment tat-testatur u li jidħol fis-seħħ mal-mewt tat-testatur, fejn l-eżekuturi testamentarji jkunu mitluba jittrasferixxu l-beni tat-testatur kollha jew parti minnhom lit-*trustees* (li jistgħu ikunu l-istess eżekuturi testamentarji) sabiex iżommu dawn il-beni skont it-termini ta' *trust* kif stipulati fit-testment;

"kumpannija nnegozjata pubblikament" tfisser kwalunkwe kumpannija li għandha l-klassi prinċipali tal-ishma tagħha kkwotati fuq borża f'Malta, sakemm l-ishma kkwotati jistgħu jkunu faċilment mixtrija jew mibjugħa mill-pubbliku. Ishma jistgħu jkunu mixtrija jew mibjugħa "mill-pubbliku", jekk ix-xiri jew il-bejgħ tal-ishma mhux impliċitament jew espliċitament ristrett għall-grupp limitat ta' investituri. Għall-finijiet ta' din it-tifsira "klassi prinċipali tal-ishma" tfisser dik il-klassi jew klassijiet ta' ishma li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-voti u l-valur tal-kumpannija;

"rappreżentant awtorizzat" tfisser kull uffiċjal li huwa awtorizzat permezz ta' arranġament sabiex jiskambja informazzjoni b'mod dirett;

"skema ta' investiment kollettiv pubblika" tfisser kwalunkwe skema ta' investment kollettiv sakemm l-unitajiet, ishma jew xi interessi oħra fl-iskema, jistgħu jiġu faċilment mixtrija, mibjugħa jew mifdija mill-pubbliku. Unitajiet, ishma jew xi interessi oħra fl-iskema

jistgħu jiġu faċilment mixtrija, mibjugħa jew mifdija "mill-pubbliku" jekk ix-xiri, bejgħ jew fidwa m'humiex ristretti, b'mod impliċitu jew espliċitu, għal grupp limitat ta' investituri;

"soċjetà" tfisser kull forma ta' soċjetà li mhijiex kumpannija;

"taxxa" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha f'dak l-arranġament rilevanti u li huwa fis-seħħ ma' ġurisdizzjoni oħra;

"*warrants* dwar azzjonijiet" tfisser *warrant* lill-portatur imsemmi fl-artikolu 121 tal-Att dwar il-Kumpanniji. Kap. 386.

Għan ta' dawn ir-regolamenti.

**3.** Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni effettiva fuq kwistjonijiet ta' taxxa ma' ġurisdizzjonijiet oħra fejn hemm fis-seħħ arranġamenti li jippermettu din il-kooperazzjoni u għandhom hekk jiftiehmu.

Disponibbiltà ta' informazzjoni dwar sidien.

**4.** (1) Entitajiet għandhom iżommu informazzjoni aġġornata li tidentifika s-sidien u l-livell u t-tip tas-sehem tagħhom fl-istess entitajiet. Din l-imsemmija informazzjoni għandha tkun aġġornata u dokumentata mhux iktar tard minn erbatax-il jum mid-data li l-istess entità tkun ġiet innotifikata jew mid-data li l-entità ssir taf li hemm sid ġdid jew li hemm xi tibdil li għandu x'jaqsam mas-sidien attwali. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, "sidien" tinkludi -

(a) fil-każ ta' kumpannija, soċjetà u kull xort'oħra ta' korp ta' persuni (li ma tkunx fondazzjoni), is-sidien legali; u

(b) fil-każ ta' fondazzjoni, l-fundaturi tagħhom, l-amministraturi, il-membri tal-kunsill tas-superviżjoni u l-benefiċjarji (fejn applikabbli), kif ukoll kwalunkwe persuna oħra li għandha l-awtorità biex tirrappreżenta l-fondazzjoni.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ma japplikawx għal:

(a) kumpannija nnegozjata pubblikament: iżda fil-każ ta' kumpannija nnegozjata pubblikament li hija residenti f'Malta jew imwaqqfa taħt il-liġi ta' Malta, l-informazzjoni dwar is-sidien fir-rigward tal-istess kumpannija li hija meħtieġa, għandha tkun miżmuma jew mill-kumpannija stess jew minn borża f'Malta; u

(b) skema ta' investiment kollettiv pubblika.

(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti -

(a) meta f'kull każ fi ħdan katina ta' proprjetarji, is-sid legali jaġixxi f'isem persuna oħra bħala *trustee*, fiduċjarju (inkluż *nominee*) jew taħt xi arranġament simili, l-istess sid legali għandu l-obbligu li jżomm dik l-informazzjoni li tidentifika dik il-persuna l-oħra;

(b) kumpannija li toħroġ *warrants* dwar azzjonijiet skont l-artikolu 121 tal-Att dwar il-Kumpanniji għandha tinforma lill-awtorità kompetenti f'Malta b'dak il-ħruġ mhux iktar tard minn xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fil-każ ta' *warrants* dwar azzjonijiet maħruġin qabel din id-data, jew fi żmien erbatax-il jum f'każ ta' ħruġ magħmul wara din id-data. Dawn l-istess kumpanniji għandhom iżommu reġistru bl-informazzjoni li jidentifika s-sidien tal-istess *warrant* dwar azzjoni. Minkejja kull disposizzjoni oħra f'kull Att ieħor, persuna fil-pussess ta' *warrant* dwar azzjoni ma jkollhiex jedd għal kwalunkwe dritt fir-rigward tal-istess *warrant* dwar azzjoni sakemm il-kumpannija ma kinitx mogħtija l-informazzjoni neċessarja li tidentifika l-istess persuna. Barra minn hekk, u minkejja kull disposizzjoni oħra f'kull Att ieħor, kull trasferiment ta' dak il-*warrant* dwar azzjoni ma jkunx validu bil-liġi jekk il-kumpannija rilevanti ma kinitx mogħtija l-informazzjoni li tidentifika lis-sid il-ġdid fi żmien erbatax-il jum mid-data tal-istess trasferiment.

Kap. 386.

(4) (a) *Trustees* stabbiliti taħt il-liġi ta' Malta jew li huma residenti f'Malta għandhom jieħdu kull miżura raġonevoli sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni aġġornata li tidentifika lis-*settlor*, *trustees* oħra u benefiċjarji ta' *express trusts*, tinżamm (sew jekk il-liġi proprja tal-istess *trust* hija l-liġi ta' Malta jew band'oħra).

(b) Persuni li huma stabbiliti taħt il-liġi ta' Malta jew li huma residenti f'Malta u li huma fdati bl-amministrazzjoni ta' *express trusts* (sew jekk il-liġi proprja tal-istess trust hija l-liġi ta' Malta jew band'oħra) għandu jkollhom l-istess obbligi kif jinsabu taħt il-paragrafu (a).

(5) Informazzjoni li tidentifika persuna tinkludi -

(a) f'każ ta' individwu:

(i) l-isem u kunjom sħiħ;

(ii) in-numru tal-passaport, in-numru tal-identifikazzjoni jew in-numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa;

(iii) data u post tat-twelid jekk in-numru indikat fis-subparagrafu (ii) mhux disponibbli; u

(iv) indirizz tar-residenza;

(b) f'każ ta' persuni li m'humiex individwi:

(i) l-isem;

(ii) data tal-bidu jew inkorporazzjoni; u

(iii) indirizz reġistrat.

(6) Informazzjoni li tidentifika persuna għandha tinżamm f'Malta. Iżda, l-istess *records* jistgħu jinżammu f'ġurisdizzjoni li għandha arranġement fis-seħħ ma' Malta, liema arranġament jippermetti skambju ta' informazzjoni dwar sidien.

Disponibbiltà ta' informazzjoni dwar kontijiet.

(7) Individwi (mqabbdin f'sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni), entitajiet u *trustees* għandhom jiżguraw li jinżammu kotba tal-kontijiet li huma ta' min joqgħod fuqhom, u li -

(a) jispjegaw b'mod korrett kull operazzjoni tal-istess individwu, entità jew *trust*;

(b) permezz tagħhom tkun tista' tiġi stabbilita bi preċiżjoni xierqa l-posizzjoni finanzjarja tal-istess individwu, entità jew *trust*; u

(ċ) jippermettu li jiġu preparati l-kontijiet finanzjarji.

(8) Barra mill-kotba tal-kontijiet indikati fis-subregolament (7), ir-*records* li għandhom jinżammu għandhom jinkludu wkoll dokumentazzjoni sottostanti, bħal fatturi, kuntratti eċċ, liema dokumentazzjoni għandha turi d-dettalji ta' -

(a) s-somom kollha miġbura u minfuqa u l-affarijiet li dwarhom dak id-dħul u infieq isir;

(b) kull bejgħ jew xiri u operazzjonijiet oħra; u

(ċ) kull attiv u passiv tal-istess individwu, entità jew *trust*.

(9) Fil-każ ta' kumpannija li hija meqjusa bħala entità għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-kontijiet finanzjarji għandhom jiġu preparati u vverifikati kif meħtieġ taħt l-Att dwar il-Kumpanniji jew l-Att dwar Soċjetajiet Koperativi, skont il-każ. Kap. 386. Kap. 442.

(10) *Records* tal-kontijiet għandhom jinżammu f'Malta. Iżda, l-istess *records* jistgħu jinżammu f'ġurisdizzjoni li għandha arranġament fis-seħħ ma' Malta, liema arranġement jippermetti l-

iskambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-istess *records*.

Disponibbiltà ta' informazzjoni bankarja.

(11) Banek li huma meqjusa bħala entitajiet għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiżguraw li tinżamm informazzjoni bankarja ta' kwalunkwe detentur ta' kontijiet bankarji fir-rigward tal-attività bankarja tagħhom f'Malta. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, "informazzjoni bankarja" tinkludi kull *record* marbut mal-kontijiet kif ukoll ma' tagħrif finanzjarju u kull operazzjoni relatata.

Trasmissjoni fil-pront ta' informazzjoni.

Kap. 372.

(12) L-informazzjoni li għandha tinżamm skont dan ir-regolament għandha tinżamm b'tali mod li din tkun tista' tintbagħat lill-Kummissarju mingħajr diffikultà wara talba magħmula skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 10A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Meta, wara li l-persuna mitluba tkun għamlet ir-rappreżentazzjonijiet tagħha, il-Kummissarju jkun sodisfatt li minħabba f'raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-istess persuna mitluba, informazzjoni ma tistax tintbagħat fiż-żmien li kien stabbilit fit-talba oriġinali tal-Kummissarju lill-istess persuna mitluba, il-Kummissarju għandu jikkonsidra jippermetti żmien stabbilit ieħor b'mod raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. F'dawn il-każijiet, id-disposizzjonijiet tar-regolament 6(1) u (2) għandhom jiġu japplikati b'mod li jiġi kkunsidrat dak iż-żmien l-ieħor stabbilit mill-Kummissarju.

Perjodu ta' żamma.

(13) Entitajiet, *trustees* u persuni oħra li huma meħtieġa jżommu informazzjoni, *records* jew dokumenti taħt kwalunkwe disposizzjoni ta' dan ir-regolament, għandhom iżommu l-istess informazzjoni, *records* jew dokumenti għall-perjodu minimu ta' disa' snin minn meta tispiċċa s-sena li fiha l-operazzjonijiet, atti jew xogħlijiet rilevanti jkunu saru (dan jinkludi wkoll il-każijiet fejn l-entità jew *trust* rilevanti jkunu ġew likwidati jew ma jkunux għadhom jeżistu). Din il-ħtieġa tapplika ukoll għal kull persuna msemmija fir-regolament 5(1) li taġixxi f'kapaċità professjonali fir-rigward ta' dik l-informazzjoni jew dawk ir-*records* li l-istess persuna żżomm fit-tmexxija tan-negozju tagħha.

Aċċess għall-informazzjoni. Kap. 372.

**5.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 10A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa għandhom jiġi interpretati b'tali mod li jagħtu l-iktar setgħat wiesgħa sabiex tinkiseb u tiġi pprovduta informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' ġurisdizzjonijiet oħra li magħhom Malta għandha arranġament. Għalhekk, irrispettivament minn kull obbligu legali li jista' jkun impost fuq persuna biex iżżomm is-segretezza dwar informazzjoni, l-istess disposizzjonijiet għandhom jitqiesu li jfissru, (fost affarijiet oħra), li l-Kummissarju għandu s-setgħa li jikseb u jipprovdi informazzjoni indikata fir-regolament 4 li tkun tinsab għand jew fil-pussess jew kontroll ta' persuna f'Malta,

inkluż kull -

(a) bank u kull istituzzjoni finanzjarja;

(b) kumpannija tal-assigurazzjoni;

(ċ) persuna li taġixxi f'kapaċità ta' aġenzija jew fiduċjarja inkluż *nominees* u *trustees*;

(d) avukat, nutar, u professjonist fil-qasam legali independenti ieħor, aġent ta' proprejtà immobbli, *accountant*, awditur, konsulent dwar it-taxxa, provditur ta' servizz ta' kumpannija, persuna liċenzjata biex twettaq servizzi ta' investiment, *stockbroker*;

(e) kumpannija, skema ta' investiment kollettiv, soċjetà, fondazzjoni u kull korp ta' persuni ieħor;

(f) borża f'Malta; u

(g) awtorità regolatorja jew korp f'Malta:

Iżda l-ebda persuna ma tista tintalab biex tipprovdi informazzjoni li tista b'xi mod tikxef xi sigriet tas-sengħa, tan-negozju, tal-industrija jew tal-kummerċ, jew informazzjoni li hija s-suġġett ta' privileġġ ta' bejn l-avukat u l-klijent tiegħu jew informazzjoni li l-kxif tagħha tkun kontra l-ordni pubbliku. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, "informazzjoni li hija s-suġġett ta' privileġġ ta' bejn avukat u klijent" tfisser komunikazzjonijiet kunfidenzjali bejn klijent u avukat jew xi rappreżentant legali ieħor magħmula għall-finijiet ta' tfittix jew għoti ta' parir legali jew għall-finijiet ta' użu fi proċeduri legali diġà mibdija jew kontemplati.

(2) Minbarra s-setgħat taħt l-artikolu 10A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-Kummissarju jista' juża kull setgħa oħra li għandu fir-rigward ta' ġbir ta' informazzjoni taħt l-Atti dwar it-Taxxi, inkluż dawk taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa biex jikseb l-informazzjoni mitluba mill-awtorità kompetenti ta' ġurisdizzjoni oħra, minkejja illi l-istess informazzjoni ma tkunx meħtieġa għall-finijiet tal-Atti dwar it-Taxxi. Kap. 372.

(3) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tagħmel mezz sabiex tkun tista' ssir kwalunkwe inkjesta amministrattiva meħtieġa biex tinkiseb l-informazzjoni mitluba mill-awtorità rikjedenti. Fejn l-istess talba tinkludi talba motivata għal inkjesta amministrattiva speċifika u l-awtorità kompetenti f'Malta hija tal-fehma li inkjesta amministrattiva mhux meħtieġa, l-awtorità kompetenti f'Malta

għandha minnufih tinnotifika lill-awtorità rikjedenti bir-raġunijiet tagħha.

(4) Sabiex tkun tista' tinkiseb l-informazzjoni mitluba jew biex titmexxa l-inkjesta amministrattiva, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tiżgura li l-istess proċeduri li kieku kienu jintużaw f'każ li tkun qed taġixxi fuq inizjattiva tagħha stess (jew fuq talba ta' awtorità f'Malta - fejn applikabbli) jiġu segwiti.

(5) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti "inkjesta amministrattiva" tfisser dawk il-kontrolli, verifiki u kull azzjoni oħra li jista' juża l-Kummissarju fil-qadi ta' dmirijietu meta jiġi biex jiżgura li l-Atti dwar it-Taxxi ġew applikati kif jixraq.

(6) Sabiex il-Kummissarju jkun jista' jkollu aċċess għall-informazzjoni, għandu jingħata avviż lill-persuna sew personalment jew billi jintbagħat bil-posta reġistrata, fl-indirizz tagħha l-aħħar magħruf tan-negozju jew privat, u għandu fl-aħħar każ, ħlief jekk jiġi ppruvat kuntrarju, jitqies li kien ġie notifikat, fil-każ ta' persuni residenti f'Malta, mhux iktar tard mit-tielet jum wara l-jum tal-impustar, u fil-każ ta' persuni mhux hekk residenti, il-jum ta' wara l-jum li fih l-avviż kien ikun imissu s-soltu wasal bil-posta reġistrata, u fil-prova ta' dik in-notifika jkun biżżejjed li wieħed jipprova illi l-ittra li kien fiha l-avviż kienet ġiet indirizzata u mpustata kif jixraq.

Penali.

**6.** (1) Meta jkun hemm nuqqas ta' konformità ma' talba għall-informazzjoni magħmula mill-Kummissarju fir-rigward ta' talba ta' awtorità rikjedenti skont id-disposizzjonijiet ta' xi arranġament, il-persuna mitluba tkun suġġetta għall-penali ta'-

(a) mitejn euro (€200) fejn l-informazzjoni tkun mibgħuta tard jiġifieri mhux fiż-żmien stabbilit kif speċifikat fit-talba tal-Kummissarju; u

(b) ħamsin euro (€50) għal kull jum li tulu n-nuqqas jippersisti: iżda l-penali skond dan il-paragrafu ma tistax teċċedi fit-total għaxart elef (€10,000).

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni li tista' tittieħed skont id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), fejn -

(a) nuqqas ta' konformità ma' talba tal-Kummissarju tippersisti għal 183 jum mid-data tat-talba oriġinali tal-Kummissarju, matul liema żmien il-Kummissarju jkun bagħat twissija; jew

(b) jinstab illi l-informazzjoni mibgħuta hija żbaljata b'mod li hija qarrieqa jew falza,

għandu jitqies li, għall-finijiet tal-artikolu 52 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-istess persuna, bil-ħsieb u b'intenzjoni li taħrab mit-taxxa jew li tgħin lil xi persuna oħra sabiex taħrab mit-taxxa taħt l-Atti dwar it-Taxxi, għamlet użu minn xi frodi, qerq jew tidwir. Kap. 372.

(3) Meta l-informazzjoni ma tkunx provduta, jew ma tkunx provduta fil-ħin minħabba f'li l-informazzjoni ma kinitx miżmuma jew ma kinitx miżmuma b'mod aġġornat kif mistenni taħt dawn ir-regolamenti, minbarra mill-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu skont id-disposizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (2), il-persuna li kellha l-obbligu li żżomm jew taġġorna tali informazzjoni tkun suġġetta għal penali ta' elf euro (€1,000). Il-Kummissarju għandu jaħfer għal kollox jew parti mill-istess penali fejn ikun sodisfatt li n-nuqqas kien dovut għal skuża raġonevoli. F'dan il-każ, skuża raġonevoli ma tinkludix każ fejn il-fiduċja biex iżżomm jew tiġi aġġornata l-informazzjoni titqiegħed fuq xi persuna oħra.

Drittijiet u salvagwardji.

**7.** (1) Meta tasal talba valida mingħand awtorità rikjedenti, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tinnotifika lill-persuna (jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha) li dwarha saret talba għall-informazzjoni li talba għall-informazzjoni dwarha waslitilha. L-awtorità kompetenti f'Malta ma tkunx obbligata li tagħmel din in-notifika fejn -

(a) l-awtorità rikjedenti titlob speċifikament illi tali notifika ma ssirx;

(b) l-awtorità kompetenti f'Malta tiddeċiedi illi t-talba hija ta' natura urġenti ħafna u li tali notifika tista' twassal għal dewmien biex tintbagħat l-informazzjoni mitluba; jew

(ċ) l-awtorità kompetenti f'Malta tiddeċiedi li tali notifika hija raġonevolment mistennija li tipperikola l-istess investigazzjoni jew verifika li tkun qed isir fil-ġurisdizzjoni rilevanti.

Kull determinazzjoni li tittieħed mill-awtorità kompetenti f'Malta taħt dan is-subregolament ma tistax tkun rikużata fi kwalunkwe appell.

(2) Minkejja kull disposizzjoni kuntrarja fil-liġi, kull persuna li tikkonforma ma' talba taħt dawn ir-regolamenti ma tkunx meqjusa li kisret kwalunkwe restrizzjoni fir-rigward ta' żvelar ta' informazzjoni imposta minn xi liġi, kuntratt jew kodiċi ta' kondotta professjonali. Ħlief kif provdut fir-regolament 6, l-ebda azzjoni ċivili jew kriminali ma tista' tittieħed kontra xi persuna li tipprovdi informazzjoni skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Awtorità kompetenti f'Malta.

**8.** L-awtorità kompetenti f'Malta hija l-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Rappreżentant awtorizzat għandu jkun l-uffiċjal kompetenti identifikat bħala tali u li ismu u l-ħatra tiegħu huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Żmien stipulat.

**9.** (1) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tikkonferma l-wasla ta' talba għall-informazzjoni mhux iktar tard minn sebat ijiem tax-xogħol minn meta tkun waslet l-istess talba.

(2) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha, fi żmien ġimgħa mill-wasla ta' talba għall-informazzjoni, tinnotifika lill-awtorità rikjedenti bi kwalunkwe nuqqasijiet fit-talba jew bil-bżonn ta' tagħrif ieħor ta' sfond addizzjonali. F'dan il-każ, iż-żmien stabbilit skond is-subregolament (3) għandu jibda minn dak il-jum wara li l-awtorità kompetenti f'Malta tirċievi dik l-istess informazzjoni addizzjonali.

(3) Sakemm ma jkunx hemm ftehim ieħor bejn iż-żewġ awtoritajiet kompetenti, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tipprovdi lill-awtorità rikjedenti l-informazzjoni mitluba mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data tal-wasla tal-istess talba:

Iżda jekk l-awtorità kompetenti f'Malta diġà għandha l-informazzjoni mitluba, dik l-informazzjoni għandha tintbagħat lill-awtorità rikjedenti mhux iktar tard minn xahrejn mid-data tal-wasla tal-istess talba.

(4) Fejn ikun evidenti illi l-awtorità kompetenti f'Malta mhux ser tkun tista' tibgħat l-informazzjoni fiż-żmien stipulat fis-subregolament (3), l-istess awtorità għandha tinnotifika lill-awtorità rikjedenti b'mod immedjat u f'kull eventwalità, fi żmien tliet xhur mid-data tal-wasla tat-talba bir-raġunijiet għan-nuqqas li wassal għal dan id-dewmien u bid-data sa meta hi tqis li tista' tkun kapaċi tirrispondi għat-talba. F'kull każ, l-awtorità rikjedenti għandha tkun aġġornata bis-sitwazjoni kull tliet xhur sakemm il-kwistjoni tkun magħluqa.

(5) Fejn l-awtorità kompetenti f'Malta m'għandiex l-informazzjoni mitluba minnha u ma tistax tirrispondi għat-talba, hija għandha tinnotifika lill-awtorità rikjedenti b'tali raġunijiet b'mod immedjat u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar mill-wasla tat-talba.

Ċertu limitazzjonijiet.

**10.** (1) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tipprovdi lill-awtorità rikjedenti l-informazzjoni mitluba biss jekk l-awtorità rikjedenti tkun eżawriet kull għajn ta' informazzjoni (inkluż kwalunkwe mezz legalment disponibbli għaliha) li setgħet tuża f'tali ċirkostanzi sabiex tikseb l-informazzjoni mitluba, mingħajr ma tinkorri r-riskju li tikkompromietti l-kisba tal-għanjiet tagħha.

(2) L-awtorità kompetenti f'Malta tista' tirrifjuta li tipprovdi l-informazzjoni mitluba fejn:

(a) l-awtorità rikjedenti ma tkunx tista' tipprovdi informazzjoni simili, minħabba f'raġunijiet legali;

(b) ma tkunx sodisfatta li l-ġurisdizzjoni tal-awtorità rikjedenti għandha salvagwardji fis-seħħ li huma adegwati biżżejjed sabiex jiżguraw illi l-informazzjoni miksuba titqies bħala informazzjoni kunfidenzjali u li l-istess informazzjoni tista' tiġi żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet kif inhu stipulat fl-arranġament rilevanti.